# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum il-25 ta' Ġunju, 2020**

Appell numru 291 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Dorianne GALEA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-27 ta' Settembru, 2019 fil-konfront ta' Dorianne Galea, karta tal-identità bin-numru 200835 M li ġiet mixlija:

   Talli fid-9 t'Ottubru, 2013, għall-ħabta tad-8.50 p.m. u għall-ħabta tad-9.06 p.m. fi Triq is-Salib tal-Marsa, b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminjiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

   a. F'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku, tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta' prostizzjoni jew għall-skopijiet oħra immorali u dan

bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 (2) tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Naqset li tobdi l-ordnijiet keġittimi tal-Pulizija u cioe' tal-Ispettur Sarah Magri u WPS 313 Christine Bonniċi waqt il-qai ta' dmirhom u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

c. Talli rrendiet ruħha reċidiva b'diversi sentenzi mogħtija lilha mill-Qorti tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanta, wara li qieset li kien ġie ppruvat għas-sodisfazzjon tagħha illi d-denunzjata Dorianne Galea naqset milli ssegwi l-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation mogħtija lilha minn dik il-Qorti fis-sentenza tagħha, trattat mal-istess denunzjata dwar ir-reati li tagħhom kienet instabet ħatja permezz tal-istess sentenza u li dwarhom kienet tqiegħdet taħt l-Ordni ta' Probation imsemmija daqs li kieku għadha kemm ġiet dikjarata ħatja minn jew quddiem dik il-Qorti u kkundannatha għall-piena ta' xahar priġunerija effettiva.

3. Illi minn din is-sentenza Dorianne Galea interponiet appell permezz ta' rikors datat it-3 ta' April, 2018 li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti biex tħassar, tirrevoka u tikanċella s-sentenza fejn ikkundanat lill-appellanti għall-piena ta' xahar priġunerija effettiva u konsegwentement tagħti piena alternattiva għal dik karċerarja. Dan wara li saħqet is-segwenti: -

> Illi għandu jirriżulta li għalkemm verament l-appellanti kienet naqset minn numru żgħir ta' laqgħat mal-probation officer pero' dan seħħ minħabba raġunijiet li l-appellanti ma kellhiex kontroll fuqhom, maġġorment minħaba ċertu impenji relattiv mat-tlitt itfal tagħha. Hija għandha tlitt itfal u cioe ta' 13 il-snea, 5 snin u 3 snin rispewttivament. L-appellanti qed tiġi segwita wkoll mill-Aġenzija Appoġġ, minħabba l-problemi tagħha soċjali, u għalhekk hija kienet u għadha kostretta toqgħod attenta ħafna fejn jidħlu t-tfal tagħha. Meta hija naqst milli tattendi għal-laqgħat kien minħabba din ir-raġuni. Apparti minn hekk għandu jirriżulta wkoll li għalkemm l-appellanti naqqset l-attendenza tagħha mas-Sedqa pero' bdiet tattendi il-Carias. Għalhekk m'huwiex minnu illi l-appellanti ma ħadet l-ebda passi biex tikkura ruħha mill-vizzju tad-droga. Illi għalhekk fol-isfond ta' dan kollu l-piena erogata mill-Qorti kienet waħda eċċessiva.

***Ikkunsidrat :-***

4. Illi nhar l-10 ta' Ottubru 2013 għall-ħabta tal-20:50 u 21:06, filwaqt li l-Pulizija kienu qegħdin jagħmlu ronda l-Marsa, innotaw persuna li kienet qegħda f'post li solitament ikun iffrekwentat ai fini ta' prostituzzjoni u minn stħarriġ ulterjuri irriżulta li din il-persuna kienet l-appellanta u li ġieli kienet tkun f'dawk l-inħawi għall-iskopijiet indikati.

5. Il-Pulizija taw struzzjonijiet lill-appellanta diversi drabi sabiex ma tibqax fil-post iżda hi baqgħet tinjora dawn l-ordnijiet. Konsegwentement inħarġu l-akkużi relattivi kontra tagħha fejn wara li tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, irreġistrat ammissjoni għall-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tagħha filwaqt li l-prosekuzzjoni ma resqitx provi għal dak li jirrigwarda l-addebitu tar-reċidiva fit-tielet imputazzjoni. Konsegwentement l-

ewwel Qorti ddeċidiet timponi ordni ta' probation għall-perijodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza u ċioe' mis-27 ta' Jannar 2015.

6. Madankollu ġara illi nhar it-3 ta' Ġunju 2016 l-Uffiċjal tal-Probation li kienet qed issegwi lill-appellanta fl-andament tagħha matul din l-ordni, intavolat denunzja quddiem l-istess Qorti li kienet ordnat il-Probation fejn infurmat l-Istess dwar id-diffikultajiet li kien qed ikollha mal-appellanta tul l-ordni in kwistjoni. Il-problemi kienu jvarjaw minn nuqqas ta' kuntatt mal-Uffiċju u mal-Uffiċjal tal-Probation kif ukoll in-nuqqas li ssegwi d-direttivi pertinenti għall-vizzju tad-droga u tax-xorb fejn l-appellanta kienet naqset milli tieħu l-kura jew il-passi meħtieġa sabiex tegħleb dawn il-vizzji.

7. Minħabba f'hekk il-Qorti tal-Maġistrati żammet sensiela ta' seduti fuq medda ta' l-fuq minn sentejn u nofs fejn semgħet dwar l-andament tal-appellanta mill-Uffiċjal tal-Probation tagħha għal diversi drabi. Kien ġie reġistrat xi titjib f'ċerti aspetti tal-ħajja tal-appellanta. Iżda fis-27 ta' Settembru 2019 il-Qorti tal-Maġistrati iddeċidiet li titratta magħha għad-delitti li hi kienet oriġinarjament instabet ħatja tagħhom u konsegwentement ikkundannatha piena ta' xahar priġunerija.

*Ikkunsidrat :-*

8. Illi dan l-appell huwa limitat għall-piena li ġiet imposta mill-ewwel Qorti permezz tas-sentenza tas-27 ta' Settembru 2019 fejn fil-fehma

tal-appellanta l-piena konsistenti minn karċerazzjoni effettiva ta' xahar kienet waħda eċċessiva. Filwaqt li kkonfermat illi hi naqset milli tattendi għall-appuntamenti kollha illi l-Uffiċjal tal-Probation tagħha kienet tagħtha, hi tgħid li għamlet hekk minħabba raġunijiet barra mill-kontroll tagħha iżda marbuta ma wliedha, u li kienet qegħda tiġi segwita dwarhom mill-Aġenzija Appoġġ. In oltre saħqet li kienet bdiet tattendi l-Caritas allavolja naqset l-attendenza tagħha s-Sedqa u b'hekk hi effettivament ħadet passi biex tfejjaq il-vizzju tad-droga li ħakmitha.

9. Illi dan huwa appell iffukat fuq il-*quantum* tal-piena li ġiet erogata fil-konfront tal-appellant. Issa l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

10. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

11. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **<u>qabel</u>** ma twettaq l-att kriminuż.

12. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

13. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

14. F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

15. F'appelli ta' dan il-ġeneru, il-ġurisprudenza Maltija hija ċara kristall. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs.***

***Serag F. H. Ben Abid*** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, intqal is-segwenti : -

> Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

16. F'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena għalhekk, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik il-piena fis-sens li tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienet taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

17. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180,

Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

18. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma

żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita`

perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

19. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza ***Butler*** tqis *anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.*

20. Illi f'dan il-każ il-piena applikabbli għall-akkużi oriġinarjament miġjuba kontra l-appellanta jidħlu fil-parametri tal-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan qed jingħad peress illi l-appellanta nstabet ħatja talli kisret l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-piena imponibbli hija dik ta' priġunerija ta' mhux aktar minn 6 xhur. Minbarra dan hija nstabet ħatja wkoll tar-reat kontravenzjonali talli m'obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija skond l-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali.

21. In oltre l-Qorti tal-Maġistrati applikat ukoll l-istitut tar-reat kontinwat fejn konsegwentement il-piena imponibbli għall-assjem tar-reati jiġi awmentat bi grad jew tnejn, fejn allura l-piena massima ta' sitt xhur ħabs tista tiżdied għal bejn disa xhur u sena. B'hekk indubbjament għal dak li jirrigwarda l-kwantum tal-piena imposta

fuq l-appellanta mill-ewwel Qorti, apparti illi hija fil-parametri, tqarreb aktar lejn il-minimum imponibbli skond il-liġi.

22. Illi din il-Qorti rat id-deposizzjonijiet diversi tal-Uffiċjal tal-Probation Deborah Farrugia fejn fuq medda ta' madwar sentejn u nofs, u prattikament matul kull seduta, hi aġġornat lill-Qorti tal-Maġistrati bl-andament tal-appellanta – inkluż wara li skada t-terminu tal-ordni tal-Probation fil-bidu tas-sena 2018. Jirriżulta illi l-preokkupazzjoni ewlenija kienet titratta l-fatt illi l-appellanta ma kienitx qed turi progress għal dak li jirrigwarda l-fejqan mill-vizzju tad-droga u tax-xorb li ħakmuha, prinċipalment minħabba n-nuqqas ta' motivazzjoni jew interess da parti tagħha.

23. L-appellanta ma kienitx dejjem tattendi għall-appuntamenti illi l-uffiċjal tagħha kienet tappuntalha. Jidher ċar illi ġieli m'attendietx **<u>mingħajr</u>** ma tat raġunijiet validi jew mingħajr ma għamlet kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probation assenjat lilha. Aktar minn hekk, kull meta l-istess Uffiċjal kienet titlob illi tattendi biex jittieħdilha kampjun tal-urina biex tkun tista' ssir l-analiżi jekk kienetx abbużat mid-droga, l-appellanta, ġeneralment, kienet tonqos milli tattendi u b'hekk ma kienx ikun jista' jittieħdilha kampjun.

24. Apparti minn hekk jirriżulta ċar li l-Uffiċjal tal-Probation assenjat lilha għamlet sforzi kbar sabiex l-appellanta tagħmel programm ta' rijabilitazzjoni. Matul is-snin saru arranġamenti anki ma entitajiet oħra biex hi tattendi laqgħat bit-tir illi tegħleb il-vizzji tagħha. F'dan ir-rigward, jidher illi lejn l-aħħar tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-appellanta kienet ser tibda tmur il-Caritas, u kienet

ukoll qed tattendi d-Detox regolarment. Mill-informazzjoni pprovduta lill-Uffiċjal tal-Probation, l-appellanta dehret illi kienet qed tikkontrolla sew il-vizzju tad-droga, iżda xorta waħda ma kinitx qed tindirizza l-vizzju tax-xorb. Fuq nota posittiva però, jidher illi l-appellanta sabet xogħol li rnexxielha żżomm tul is-snin apparti li kienet qed tmur tajjeb ukoll għal dak li jirrigwarda l-visti li kien qed ikollha ma uliedha tramite' l-Aġenzija Appoġġ.

***Ikkunsidrat :-***

25. Illi din il-Qorti rat, u tfaħħar il-paċenzja u perseveranza murija mill-Qorti tal-Maġistrati u l-Uffiċjal tal-Probation dwar il-mod kif trattaw mal-appellanta billi għall-perijodu li mar oltre t-terminu tal-ordni għamlu sforzi kbar biex l-appellanta timxi l-quddiem – minkejja l-ħafna qtiegħ il-qalb u b'nuqqas ta' motivazzjoni ċara da parti tagħha għal diversi snin. Minkejja kollox, wara s-sentenza oriġinali sar progress da parti tal-appellanta. Din il-Qorti tqis li hi obbligata li tikkastiga l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ordni tal-probation li wasslu għad-denunzja tal-Uffiċjal tal-Probation. Mill-banda l-oħra trid tinċentiva lill-appellanta biex tkompli għaddejja fit-triq diffiċli tal-irkupru, tal-bżulija u tal-ħidma onesta *alla luce del sole*. Ulterjorment tawspika li l-appellanta tibni relazzjoni aħjar ma wliedha, dment li dan ikun possibbli u fl-aħjar interess tagħhom.

# *Deċide:*

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi dil-Qorti qegħda tilqa' l-appell ta' Dorianne GALEA in parti u wara li rat l-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti ddeċidiet li titratta mal-*probationee* għar-reat li dwaru kienet saret is-sanzjoni komunitarja kif ukoll f'dik il-parti fejn erogat il-piena ta' xahar priġunerija u minflok tikkundannaha għall-ħlas t'ammenda ta' mitejn u tletin euro (€230).

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***